# Beati u Qaddisin...Lulju

## Santa Veronika Guliani 9 ta' Lulju

Twieldet go Mercatello gewwa Urbini, fl-Italja fis-sena 1660 u mietet f'Citta di Castello fid-9 ta' Lulju 1727. Il-gneituri taghha kien jisimhom Francesco Giuliana u Benedetta Mancini. Fil-Maghmudija tawha l-isem ta' Ursula. Ta' eta' zghira hija wriet liema triq kienet ser tiehu ghaliex kienet turi mhabba kbira lejn il-fqar. Parti mill-ikel taghha kienet twarrbu biex taghtih lil dawk fil-bzonn u sahansitra kienet tati minn hwejjigiha lil xi tfal li kienu jehtiguhom. Aktar ma bdiet tikber aktar bdiet tnissel gibda u mhabba lejn is-Salib.



Pero' kellha difett li meta wiehed ma kienx jinghaqad maghha fil-prattici qaddisa li kienet taghmel Ursula kienet issir dittatorjali. Meta ghalqet sittax-il sena hija kellha vizzjoni fejn rat lil qalbha bhala qalb ta' l-azzar u fehmitha li kellha trazzan dan id-difett. Fil-kitbiet taghha hija tistqarr li hassitha kburija li missierha kien

imlahhaq supretendent tal-finanzi gewwa Piacenza ghalkemm dan il-hsieb ma warrbilhiex ix-xewqa li tiddedika lilha infisha ghar-religjon. Missierha meta ra li lahqet l-eta' taz-zwieg hajjarha biex tibda familja u ghalkemm gabilha diversi rgiel li kellhom dan l-interess hija dejjem irrifjutat. Missierha ukoll irrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu li bintu tidhol f'kunvent. Hawn Ursula mardet u fieqet biss fil-mument li missierha ta l-kunsens tieghu li bintu Ursula tidhol soru.

Fis-sena 1677 dahlet taghmel parti mill- ordni tal-Klarissi Fqar tal-Kappuccini f'Citta di Castello. Bhala tifkira tal-Passjoni ta' Kristu hija hadet l-isem ta' Veronika. Fi tmiem ic-ceremonja tad-dhul taghha fil-kunvent, l-isqof qal lill-Badessa: "Nirrakomandalek lil din il-bint biex taghti kazha ghaliex jum wiehed din tkun qaddisha.". Fil-kunvent hija kienet taghmel xoghol ta' koka u anke ta' infermierja.

Hija baxxiet rasha lejn il-volonta' tad-diretturi li kienu jmexxuha fit-triq tal-qdusija, ghalkemm tul in-novizzjat taghha hija ghaddiet minn tribulazzjonijiet interjuri u tentazzjonijiet biex tiltlaq mill-kunvent u tmur lura lejn id-dinja sekulari.

Meta fis-sena 1678 hija pprofessat soru, Veronika talbet lil Alla biex isoffri f'ghaqda mal-Mulej Gesu' mislub ghall-konverzjoni tal-midimbin. Wara vizjoni li kellha ta' Kristu jgorr is-salib, hija bdiet tbati sofferenza qawwija f'qalbha. Wara mewtha l-awtopsija rrivelat li qalbha kienet minfuda minn naha ghal ohra.. Fis-sena 1693 hija kellha vizzjoni ohra fejn rat il-kalci li kien figura tat-tbatija ta' Kristu, li hija kellha tghaddi minnu fir-ruh taghha. Ghal-ewwel hija ma xtaqitx li iggor din it-tbatija, izda wara biss sforz kbira hija eventwalment accettat.

Naqraw fid-djarju taghha -" fil-jum tal-Gimgha l-Kbira ......fil-waqt li kont qed nitlob......Alla tani l-grazzja li jzurni bis-sinjali tat-tbatija li l-Verb Divin ghaddha minnhom biex jifdini. Hassejtni fir-ruh tieghi qisni ser immut."
Hekk iddeskriviet il-mument meta hija irceviet il-pjagi: " Jien rajt

hergin hames raggi ta' dawl mill-pjagi qaddisa tieghu u kollha gew fuqi F'erba minnhom kien hemm l-imsiemer u fir-ragg l-iehor kien hemm il-lanza bhallikieku tad-deheb, kollha nar u nifditli qalbi minn banda ghal ohra."

Bdiet ghaddejja minn tbatija spiritwali kbira. Fis-sena 1694 hija rceviet it-tbatija tal-kuruna tax-xewk li l-feriti taghha kienu vizibbli u l-ugiegh permanenti. B'ordni ta' l-isqof hija ssottometiet ruhha ghal ezami mediku imma dan ma kien ta' ebda solliev ghaliha. Minkejja li hija ghexet din il-hajja sopanaturali mistika, Swor Veronika kienet mara prattika. Ghal 34 sena hija kienet maestra tan-novizzi li mexxiet bi prudenza kbira. Ta' min jinnota li qatt ma kienet thallihom jaqraw kotba mistici.

Fis-sena 1716 hija giet maghzula badessa u kien waqt dan l-uffizzju taghha li kabbret l-kunvent u ghamlitlu sistema gdida ta' kanen ta' l-ilma ghaliex sa dak iz-zmien kien nieqes minn sistema adekwata. Mietet fis-sena 1727 wara li garrbet marda ghal 33 jum.

Kienet ikkanonizata minn Girgor XVI fis-sena 1839. Ix-xbiha taghha normalment hija rapprezentata mill-persuna taghha inkurunata bix-xewk u thaddan is-salib.